MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Numru 693/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**CARMEL BORG**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Borg ta' 36 sena, bin George u Maria Dolores nee' Dimech, imwieled Pieta fis-27 ta' Settembru 1965 u residenti 'Lilfred', Flat 3, Triq is-Sardinella, Attard. Detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 486065(M);

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' April 2002 u fiz-zmien ta' qabel, u ta' wara f'Birkirkara u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda

1. Fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu ta' *Dealer*, ghamel falsifikazzjoni, fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili, jew aktar xjentement, ghamel uzu mill-istess skrittura u dan bi ksur tal-artikolu 187(1) u (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2 Sabiex jikseb xi vantaggi jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikkjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 u 189 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3 ffalsifika jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti talbet sabiex barra li tinfligi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-Charles Borg ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. "K" u li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat Carmel Borg m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema' mill-Magistrat illum Magistrat Iritirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata fis-sena 2007 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Borg.

Rat l-artikoli 17, 18, 187 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmel Borg, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-imputat Carmel Borg taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Borg, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din l-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Borg.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Carmel Borg sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ mitejn u disa’ Euro u hamsa u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 209.65) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina tal-espert Martin Bajada f’din il-kawza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------